# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Frar, 2026.**

**Numru 1**

**Rikors numru 172/22/1 ISB**

**AD + PD, il-Perit Carmel Cacopardo u Ralph Cassar**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kumissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Sandra Gauci, Ralph Cassar, u Carmel Cacopardo f'isimhom propju u bħala kandidati tal-partit politiku AD + PD wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-16 ta' Diċembru 2024 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li kienet tirrigwarda l-*locus standi*

f'vesti personali tar-rappreżentati tal-partit rikorrenti, u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat in kwantu l-Ewwel Qorti ma dehrilhiex illi l-azzjoni kif miġjuba kienet proponibbli, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, u laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi sabet illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma setgħetx tiġi invokata mir-rikorrenti fl-ambitu ta' dak minnha rikjest bil-proċeduri odjerni. Laqgħet ukoll il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi dehrilha illi ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkosistenti ma' jew jikser xi artikolu tal-istess Kostituzzjoni u *stante* li l-ebda parti mill-Kostituzzjoni ma tista' tinstab li hi inkompatibbli jew tikser id-drittijiet sanċiti bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Ir-rikorrenti, politiċi fi ħdan il-partit rikorrenti kienu kkontestaw l-Elezzjonijiet Nazzjonali fl-1992, 1996, 1998, 2003, 2008, 2013, 2017 u 2022. Huma kkontestaw ukoll l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-2004, 2009, 2014 u fl-2019.

3. L-AD + PD ikkontestat l-elezzjonijiet ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u ippreżentaw għaxar kandidati u għoxrin kandidatura,

b'kandidati fuq kull distrett elettorali, inkluż ir-rikorrenti Carmel Cacopardo u Ralph Cassar.

4. Il-voti ngħaddu taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Elettorali tul il-jum tal-Ħadd 27 (seba u għoxrin) ta' Marzu 2022.

5. Ir-riżultat elettorali kien ippubblikat nhar it-Tnejn 28 (tmienja u għoxrin) ta' Marzu 2022.

6. Kmieni wara nofsinhar tat-Tnejn 28 (tmienja u għoxrin) ta' Marzu 2022 kien imħabbar li r-riżultat elettorali kien aġġustat billi mal-lista tal-membri eletti żdiedu tnejn oħra mil-lista elettorali ippreżentata mill-PN. Din iż-żieda saret wara li sar l-aġġustament għall-proporzjonalità bejn il-voti miksuba mill-partiti fl-ewwel għadd tal-voti u s-siġġijiet parlamentari miksuba u dan skont kif tipprovdi l-Kostituzzjoni u r-regolamenti elettorali fl-iskeda numru 13 mal-Kapitlu 354, l-Att dwar l-Elezzjoni Ġenerali.

7. Mill-atti jirriżulta illi r-rikorrenti Ralph Cassar ġab 510 voti mal-ewwel għadd. Il-kwota distrettwali għas-seba' distrett kienet dik ta' 3927. Ir-rikorrenti Sandra Gauci ġabet 320 vot u l-kwota distrettwali tas-sitt distrett kienet ta' 3881. Carmel Cacopardo ġab 334 vot u l-kwota distrettwali tad-disa' distrett kienet ta' 3538.

8. Jirriżulta illi fl-elezzjoni tas-26 ta' Marzu 2022, kienu biss il-kanditati tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista illi kisbu l-kwota distrettwali.

9. Peress illi n-numru ta' Membri Parlamentari tas-sess l-inqas rappreżentat kien inqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-membri kollha tal-Parlament, daħal ukoll fis-seħħ l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni, u ċjoè il-mekkaniżmu korrettiv li permezz tiegħu jingħataw siġġijiet addizzjonali għas-sess l-inqas rappreżentat. B'hekk in-numru tal-Membri tal-Parlament żdied bi tnax-il membru tas-sess l-inqas rappreżentat. B'hekk sitt nisa oħra f'isem il-Partit Laburista u sitt nisa oħra f'isem il-Partit Nazzjonalista ngħataw siġġu fil-Parlament.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

10. Permezz ta' rikors intavolat nhar is-27 ta' Ottubru 2022, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti sostnew illi meta fit-28 ta' Marzu 2022, tħabbret li mal-lista ta' kandidati eletti tal-Partit Nazzjonalista kienu ser jiżdiedu żewġ persuni *ai termini* tal-iskeda numru 13 tal-Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew injorati kompletament il-voti miksuba mill-Partit rikorrenti li kienu jammontaw għal erbat' elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin (4,747) vot, liema ammont jeċċedi l-kwota nazzjonali. Argumentaw illi l-iskartar tal-voti miksuba mill-partit AD+PD

żvaluta l-proċess demokratiku u dan għax uħud mill-voti (dawk miksubin mill-kandidati tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista) qed jingħataw valur billi jittieħdu in konsiderazzjoni u dawk tal- AD+PD qed ikunu skartati kompletament. Żiedu wkoll illi il-mekkaniżmi korrettivi, jkomplu jżidu l-problema ta' rappreżentanza parlamentari billi jżidu biss membri parlamentari lill-Partit Laburista u lill-Partit Nazzjonalista.

11. Il-partit rikorrenti jsostni illi dan jammonta għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, diskriminazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, għaliex il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss f'każ li jkun hemm żewġ partiti fil-Parlament u għalhekk ixejjen id-dritt tal-espressjoni ħielsa tal-votanti. *Oltre* minn hekk, ir-rikorrenti jilmentaw mill-effett diskriminatorju tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni li jipprovdi għall-mekkaniżmu li permezz tiegħu jingħataw siġġijiet addizzjonali fil-Parlament u jidħol fis-seħħ biss jekk jiġu eletti kandidati ta' żewġ partiti u mhux f'każ ta' iktar partiti. Isostnu għalhekk li dan il-provvediment huwa wieħed diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u individwi oħra membri tal-Partit rikorrenti għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss għal dawk ta' kandidati assoċjati mal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Jikkontendu għalhekk li dan il-mekkaniżmu qiegħed jilledi d-drittijiet ta' elezzjoni ħielsa u d-dritt tal-libertà tal-assoċjazzjoni.

12. Għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti:

> *"1) Tiddikjara illi ghar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedu d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem ghad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa kif provdut f'Artiklu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll tikostitwixxi diskriminazzjoni skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif provdut f'Artiklu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*
>
> *2) Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedu d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem rigward il libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*
>
> *3) Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq inkluż id-dikjarazzjoni li l-Artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull referenza għal Artikoli 52 u 52A kemm f'Artiklu 61A2b u Artiklu 662b tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda Regolament tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, imorru kontra l- Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett u li kull azzjoni li saret taħthom hija nulla u bla effett."*

13. Permezz ta' risposta mressqa fit-8 ta' April 2022 l-intimata Kummissjoni Elettorali *inter alia* eċċepiet illi mhuwiex vera illi teżisti kwota nazzjonali. *Di fatti* l-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni ma jitkellimx fuq kwoti nazzjonali iżda fuq kwoti disrettwali li jiġu maħduma fuq kull distrett skont in-numru ta' kandidati irrispettivament mill-partit. *Di fatti*, il-preferenzi li jagħti l-votant ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn il-partiti. Żiedet illi l-liġi u l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea bl-ebda mod ma timponi xi sistema partikolari ta' votazzjoni fuq l-Istat imma tħalli l-Istati fil-libertà tagħhom li jagħżlu s-sistema li jkunu jridu huma. B'referenza għall-allegata diskriminazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni

ngħad illi tali artikolu tal-liġi qiegħed hemm sabiex jibbilanċja r-rappreżentanza abbażi ta' ġeneru tal-membri parlamentari. Ġie eċċepiet ukoll illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni billi l-liġi bl-ebda mod ma tinterferixxi kif l-individwu jassoċja ruħu f'partit politiku.

14. L-Avukat tal-Istat permezz ta' risposta datata 18 ta' April 2022 b'mod preliminari eċċepixxa illi l-okkju tal-proċedura jindika biss lill-partit politiku AD + PD bħala rikorrent u għalhekk, kuntrarjament għal dak indikat fl-intestatura tar-rikors kostituzzjonali odjern, Carmel Cacopardo u Ralph Cassar ma jistgħux jidhru f'dawn il-proċeduri f'isimhom proprju. Affermaw illi Cacopardo u Cassar jista' jkollhom *locus standi* biss *qua* rappreżentanti tal-partit politiku AD + PD, kemm-il darba jiġi ppruvat illi huma debitament awtorizzati sabiex jirrappreżentaw lir-rikorrent. Eċċepew ukoll illi l-azzjoni ġudizzjarja kif dedotta hija oskura u neboluża għall-aħħar, tant illi hija improponibbli. Afferma illi l-parti tal-ilment li tolqot l-Artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inammissibbli u nulla skont l-Artikolu 164(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf. Sostna wkoll illi din il-Qorti lanqas tista' ssib ksur tal-Artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea *stante* illi dawn japplikaw biss f'dak li hu l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u mhux f'materji illi jaqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-Istati Membri, bħal ma huma l-elezzjonijiet ġenerali.

15. L-Avukat tal-Istat argumenta wkoll illi din il-Qorti diġà kellha l-okkażżjoni illi tiddetermina li l-ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew addirittura li jikser xi artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni. Jirrileva wkoll illi bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa, li huwa protett mill-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, ġie jew qed jiġi leż fil-konfront tal-AD+PD.

16. Permezz tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-proċeduri kif segwenti:

> "*GĦALDAQSTANT, din il-Qorti, wara li qieset il-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet magħmulha mill-partijiet, qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi :*
>
> *1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li din ġiet sorvolata;*
>
> *2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li ma jeżistux il-presupposti sabiex tilqa' l-istess eċċezzjoni;*
>
> *3. Tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat stante illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma setgħetx tiġi invokata mir-rikorrenti fl-ambitu ta' dak minnha rikjest bil-proċeduri odjerni;*
>
> *4. Tilqa' il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkosistenti mal- jew jikser xi artikolu tal-istess Kostituzzjoni u stante li l-ebda parti millKostituzzjoni ma tista' tinstab li hi inkompatibbli jew tikser id-drittijiet sanċiti bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *5. U konsegwentament tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

**Ċ. L-Appell:**

17. Il-partit rikorrenti, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-istess partijiet anki f'isimhom propju ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha tas-16 ta' Diċembru 2024, billi tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti.

18. Permezz ta' risposta datata 16 ta' Jannar 2025, l-Avukat tal-Istat sostna illi s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. Żied illi l-lanjanzi tar-rikorrenti appellanti mhumiex ġusti u għandhom jitwarrbu minn din il-Qorti. Afferma illi n-narrattiva tal-appellanti illi jeżistu inkonsistenzi fil-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma ġie pruvat fil-mori tal-proċeduri. L-azzjoni tar-rikorrenti tmur kontra l-prinċipju tas-supremazija tal-Kostituzzjoni. L-eċċezzjoni tal-appellati f'dan is-sens hija waħda imsejjsa fuq każistika tal-Qrati Maltin. Żied ukoll illi l-kunċett tas-supremazija tal-Kostituzzjoni fil-fatt joħroġ ukoll mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u ċjoè il-Kap 319. Huwa biss fejn hemm inkonsistenza ta' liġi ordinarja ma' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali li dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu. Il-Kostituzzjoni hija eskluża mill-Kap 319 innifsu u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-ilment tar-rikorrenti appellanti mill-aspett tal-Artikolu 3(2)

tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta lanqas jista’ jiġi mistħarreġ minnha. Dan fil-fatt huwa ostaklu ieħor li tirriskontra l-azzjoni tal-appellant, *ossia* dak tan-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti in kwantu l-appellanti jibbażaw ruħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap 319 biex jilmentaw dwar l-Artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni.

19. Mingħajr preġudizzju għal dak rilevat sopra, l-Avukat tal-Istat spjega ukoll illi anke li kieku kellu jsir eżami dwar jekk l-artikoli in kwistjoni jilledux id-drittijiet fundamentali tal-appellanti, il-Qorti Ewropea tagħti marġini wiesa’ ta’ apprezzament lill-Istati rigward is-sistemi politiċi tagħhom. Għalhekk lanqas it-tieni aggravju tal-appellanti m’għandu jintlaqa’.

20. Il-Kummissjoni Elettorali permezz ta’ risposta datata 20 ta’ Marzu 2025, ukoll wieġbet għall-appell tal-appellanti u sostniet illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta affermat illi l-Artikolu 52A ma jistax jitqies li huwa inkonsistenti ma’ jew jikser xi artikolu tal-istess Kostituzzjoni. Bħall-Avukat tal-Istat irrilevat illi l-Kostituzzjoni kif korrettement sottolinejat mill-Ewwel Qorti hija espressament eskluża mill-applikazzjoni tal-Kap 319. Il-Kostituzzjoni mhijiex sottomessa għall-Konvenzjoni, infatti il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija waħda parallela. Il-Kummissjoni tisħaq ukoll illi l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jagħti lill-istati membri

marġini wiesa' ta' apprezzament fil-mod kif jiġu strutturati elezzjonijiet, *purche* tiġi garantita l-espressjoni ħielsa tal-poplu.

***L- Aggravji:***

***L-Ewwel Aggravju:***

21. Permezz tal-***ewwel aggravju***, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta iddeċidiet li ma jeżistix rimedju għal inkonsistenzi fil-Kostituzzjoni nnifisha. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti javvanzaw żewġ lanjanzi. Isostnu illi l-Ewwel Qorti żbaljatament ekwiparat is-supremazija tal-Kostituzzjoni mal-preżunzjoni tal-perfezzjoni tal-Kostituzzjoni. Spjegaw illi kemm il-mekkaniżmu korrettiv (Artikolu 52 u 52A tal-Kostituzzjoni) u kif ukoll il-mekkaniżmu tal-ġeneru (Artikolu 61A2b u Artikolu 662b tal-Kostituzzjoni) huma leżivi għad-drittijiet fundamentali hekk kif provdut f'Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u jikkostitwixxu diskriminazzjoni skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Żiedu illi dan iwassal ukoll għall-ksur tad-dritt tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

22. Meta l-Ewwel Qorti sostniet illi l-Kostituzzjoni ma tistax tikkuntradixxi ruħha għaliex hija suprema, hija ekwiparat is-supremazija

tal-Kostituzzjoni mal-perfezzjoni tagħha. Dan skont l-appellanti ma jsegwix u mhuwiex loġiku. Żiedu illi jekk wieħed jaqbel mat-teżi illi l-kostituzzjoni hija perfetta, wieħed ikun qiegħed jgħid li l-leġiżlatur jista' jdaħħal fil-Kostituzzjoni provvedimenti li jmorru kontra d-drittijiet tal-bniedem, u ħadd ma jista' jimpunjahom sempliċiment minħabba l-fatt li huma inklużi fil-Kostituzzjoni. Jinsistu wkoll illi mhuwiex minnu li l-Kostituzzjoni hija strument legali omoġenju, u lanqas ma hu minnu li l-ebda dispożizzjoni m'għandha tingħata prijorità fuq xi dispożizzjoni oħra, għaliex hija l-Kostituzzjoni stess li tagħmel distinzjoni bejn dawk l-artikoli li huma esegwibbli f'xi qorti u dawk li mhumiex. Sostnew ukoll illi meta l-Ewwel Qorti dehrilha illi ġaladarba l-Kostituzzjoni ma ssemmix xenarju fejn diversi artikoli tal-istess Kostituzzjoni huma kunfliġġenti, hija skartat il-prinċipju legali li fejn hemm liġi hemm rimedju. Il-fatt li l-Kostituzzjoni ma ssemix din il-possibilità sempliċiment ifisser li hemm *lacuna*, li għandha tigi risolta, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta m'għamlitx l-eżerċiżju sabiex jiġi riżolt il-kunflitt bejn il-provvedimenti diversi tal-Kostituzzjoni.

23. B'referenza għal dan l-aggravju l-Avukat tal-Istat isostni illi dan l-argument huwa fil-fatt il-qofol tan-narrattiva tar-rikorrenti appellanti, iżda bl-ebda mod ma ġie ppruvat fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Din l-eċċezzjoni oriġinarjament avvanzata mill-appellat Avukat tal-Istat kienet kunsidrata fit-tul mill-Ewwel Qorti, u kien wara li rat il-każistika li

fuqha kienet imsejjsa tali eċċezzjoni li l-Ewwel Qorti tat raġun lill-appellat. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma studjati u jikkonfermaw it-tagħlim li joħroġ mill-każistika konkordanti fuq dan il-punt. B'rabta mal-argument avvanzat mill-appellanti b'referenza għall-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, l-appellat jisħaq illi il-kwistjoni odjerna mhijiex waħda ta' eżegwibilità *o meno* tal-artikolu invokat iżda jekk artikolu ieħor tal-Kostituzzjoni jistax jiġi eżaminat u ddikjarat bħala inkonsistenti miegħu. Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, u b'rabta mal-mertu tal-aggravju, l-appellat Avukat tal-Istat jikkontendi illi l-kawża avvanzata mill-appellanti hija "non starter." Is-sistema mħaddna Malta u ċjoè dik tal-PRSTV, la ssemmi u lanqas tħares lejn partiti politiċi iżda hija sistema fejn il-votant jista' jivvota għall-kandidat/i preferut/i tiegħu bil-possibilità wkoll ta' *cross voting* lil kandidati ta' partiti differenti jew kandidati indipendenti. Meta ġie introdott l-Artikolu 52 imbagħad, dan ġie introdott bl-għan li jkun assigurat illi jkun hemm proporzjonalità bejn il-voti miksubin fl-ewwel għadd mill-partiti politiċi li jirnexxilhom jeleġġu membri fil-Parlament u l-membri eletti fil-Parlament, biex il-maġġoranza tkun tista' tiggverna u biex ikun hemm proporzjonalità bejn il-voti miksubin fl-ewwel għadd mill-partiti u s-siġġijiet li jkun irnexxilhom itellgħu fil-parlament. Dak il-mekkaniżmu korrettiv jiskatta wara li jkun ingħalaq il-proċess tal-PRSTV.

24. Jargumenta illi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti huwa dak li jikkontestaw elezzjoni ġenerali ħielsa u li jkollhom l-istess opportunità li

jiġu eletti bħal kull kandidat ieħor u mhux id-dritt li potenzjalment jibbenefikaw mill-mekkaniżmu korrettiv tas-siġġijiet u/jew tal-ġeneru. Jargumentaw illi l-appellanti jinjoraw għal kollox il-kwota distrettwali u jinsistu illi la darba l-għaxar kandidati u l-għoxrin kandidatura tagħhom ġabu total ta' 4747 vot bejnithom mal-ewwel għadd, għandu jkollhom siġġu jew tnejn fil-Parlament. L-appellat Avukat tal-Istat fil-fatt spjega illi tant dan huwa mekkaniżmu korrettiv li jiskatta wara li jiġi konkluż il-PRSTV li fil-fatt fl-elezzjonijiet tal-1992, 1998 u tal-2003 ma ntużax għaliex ma kienx hemm tali ħtieġa. B'referenza għall-mekkaniżmu l-ieħor u ċjoè dak kontemplat fl-Artikolu 52A, dan huwa mekkaniżmu maħsub sabiex tikber ir-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament Malti, mekkaniżmu li kien approvat mill-Kamra tad-Deputati kważi unanimament.

25. Il-Kummissjoni Elettorali ukoll wieġbet għal dan l-aggravju u b'referenza għal dan l-aggravju rrilevat illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-Artikolu 52A ma jistax jitqies li huwa inkonsistenti jew jikser xi artikolu tal-istess Kostituzzjoni.

26. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Il-Qorti tibda biex tosserva l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jgħid testwalment hekk: "Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) talartikolu 47 u tal Artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

*Il-Professur J.J. Cremona fil-pubblikazzjoni tiegħu "Selected Papers 1946 – 1989" meta jirreferi għall-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jgħid: "But in truth in the Maltese legal system, where the Constitution is a written one and imposes limitations on the powers of the legislature which it itself created, the hierarchical superiority of the Constitution exists and operates independently of this formal affirmation, which, as was stated in respect of a kindred provision in another Commonwealth constitution, was only inserted ex abundanti cautela........the plain constitutional truth is that the principle formally affirmed in section 6 exists and operates, as already said, independently of such formal affirmation; and since as Professor de-Smith puts it, "it does not strictly need to be expressly stated", it likewise does not need, in the philosophy of the Constitution itself, to be formally entrenched, as it only represents what is in fact innate in it."*

*Skont l-Artikolu 6 fuq ċitat, trid tkun "xi liġi oħra" li mhiex konsistenti malKostituzzjoni sabiex tkun "bla effett". Il-Kostituzzjoni hija siekta dwar il- possibilità ta' inkonsistenza bejn artikoli diversi fi ħdan il-Kostituzzjoni. Dan wara kollox lanqas huwa sorprendenti tenut kont li bħala l-għola liġi ta' pajjiż ma hux mistenni li parti minn liġi suprema tikser parti oħra mill-istess liġi suprema. Bil-fatt illi llum Artikolu 6 huwa wkoll 'entrenched' ikompli jsaħħaħ, jekk tisħiħ kien hemm bżonn, is-supremazija tal-Kostituzzjoni.*

*Tibqa' dejjem applikabbli l-massima Ubi Lex Voluti Dixit Ubi Noluit Tacuit. Ladarba l-Kostituzzjoni espressament issemmi li hija biss liġi oħra li tista' tinstab inkonsistenti magħha u ma ssemmi xejn dwar il-possibilità ta' inkonsistenza bejn id-diversi artikoli tal-istess Kostituzzjoni, isegwi illi dak li ma tgħidx il-Kostituzzjoni f'dan ir rigward huwa eskluż. Artikolu 6 huwa ċar u ma jagħti lok għal ebda dubju.*

*Omissis*

*Dan il-prinċipju kardinali li artikolu tal-Kostituzzjoni ma jistax jinstab leżiv ta' artikolu jew artikoli oħra tal-istess Kostituzzjoni ġie riaffermat fis-sentenza Adrian Agius et vs. L-Avukat tal-Istat et mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023: "22. Għalhekk huwa ċar li meta l-Kostituzzjoni titkellem dwar inkonsistenza mal-Kostituzzjoni, din l-inkonsistenza tista' tinstab biss f'xi liġi oħra", u ċjoè liġi li mhijiex il-Kostituzzjoni. Fil-fehma talQorti dan ifisser li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li mhuwiex possibbli li dispożizzjoni tal Kostituzzjoni tkun inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni. L Artikolu 6 jistabbilixxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni versu kwalunke liġi oħra, iżda la dan l-artikolu u lanqas xi artikoli oħra ma jistabbilixxu ġerarkija tan-normi u dispożizzjonijiet Kostituzzjonali. Il-poter ta' din il-Qorti li t iddikjara xi liġi inkonsistenti mal-Kostituzzjoni joħroġ mil-liġi, u jrid jiġi eżerċitat strettament entro l-parametri tal-liġi.*

*Għalhekk, la l-Kostituzzjoni hija siekta fuq il-kwistjoni ta' kunflitt potenzjali bejn dispożizzjonijiet tagħha stess, din il-Qorti m'għandha l-*

*ebda setgħa li tiddetermina l-ilment tal appellanti....... mhuwiex possibbli li l-istitut tal-għoti tal-maħfra Presidenzjali nnifsu jiġi impunjat, għaliex allegatament konfliġġenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni."*

*Il-Qorti tosserva dak li qalet din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Arnold Cassola vs Avukat tal-Istat deċiża fit-23 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti qalet hekk:*

*107. Il-Qorti tqis illi tenut kont li Artikolu 52A huwa artikolu talKostituzzjoni ta' Malta, ma jistax jiġi impunjat bħala li huwa in konflitt ma' disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni, mhux biss minħabba dak li jipprovdi Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni; iżda wkoll peress li skont Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, huwa biss ilParlament li jista' jibdel il-Kostituzzjoni. U anke hawn il-Parlament huwa meqjus li huwa subordinat għall-Kostituzzjoni għaliex meta jiġi sabiex jemenda l-Kostituzzjoni huwa suġġett li jaġixxi fit-termini tal-istess Kostituzzjoni. Il-Parlament jista' jibdel il-Kostituzzjoni kemm-il darba jsegwi d-dispost tal-Artikolu 66 tal-istess Kostituzzjoni li jipprovdi fost l-oħrajn dawk l-istanzi fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni ta' mhiux anqas minn żewġ terzi tad-deputati parlamentari sabiex artikolu fil-Kostituzzjoni jiġi emendat, mħassar jew miżjud. Artikolu 66 huwa wkoll riflessjoni tas-supremazija tal Kostituzzjoni fuq kwalunkwe liġi oħra.*

*108. Għaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, ġaladarba ma ġietx impunjata l-proċedura li permezz tagħha Artikolu 52A sar jagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta bħala wieħed mill-artikoli kostituzzjonali mħarsa b'Artikolu 66 talKostituzzjoni; ġaladarba Att XX tal-2021 li bih ġie introdott lArtikolu 52A fil-Kostituzzjoni għadda mill-proċess Parlamenti b'vot kważi unanimu u huwa entrenched bħal-provvedimenti dwar idDrittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu (u provedimenti oħrajn) fl-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni; ġaladarba b'applikazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, Artikolu 52A huwa ugwali għall provvedimenti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu, din il Qorti, fermi l-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula dwar id-diversi artikoli tal Kostituzzjoni u talKonvenzjoni invokati mir-rikorrent, tiddikjara illi fi kwalunkwe każ, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza fuq riferita, il-Qorti ma tistax tqis li Artikoli 52A tal Kostituzzjoni jikser il-jeddijiet fundamentali tarrikorrent protetti bl-Artikoli 32 u 45 tal-istess Kostituzzjoni.*

*Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

27. Din il-Qorti issib illi dan l-aggravju m'għandux fondament.

28. Kif ingħad fis-sentenza ***Dottor Harry Vassallo v. Onorevoli Prim Ministru et,*** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001, '*mhuwiex maħsub li xi parti mill-kostituzzjoni tista' titqies kontra l-kostituzzjoni'*. Huwa *ormai* stabbilit illi d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jitqiesu li huma kollha ugwali, b'dan li ma jistax ikollok xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni li tkun aqwa minn oħra.[1]

29. Huwa wkoll prinċipju loġiku li d-dispożizzjonijiet differenti tal-Kostituzzjoni, kull waħda ugwalment suprema, ma jitqisux li huma f'kunflitt ma' xulxin. Fil-fatt, skont l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija biss *liġi oħra* li mhix il-Kostituzzjoni li tista' tiġi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat ukoll fil-każ ***Adrian Agius et vs. l-Avukat tal-Istat et*** (690/21/1) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023, fejn ingħad li l-argument tar-rikorrenti li l-mekkaniżmu fil-Kostituzzjoni b'mod oġġettiv, qiegħed jilledi lilhom il-jedd għal smigħ xieraq, ma fih l-ebda fondament legali.

[1] Ara ukoll **Anthony Debono vs. Prim Ministru** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju 1994; **Norman Vella vs. l-Avukat Ġenerali** (55/2016) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Novembru 2020.

30. Għalhekk huwa ċar li meta l-Kostituzzjoni titkellem dwar inkonsistenza mal-Kostituzzjoni, din l-inkonsistenza tista' tinstab biss f'xi liġi oħra, u ċjoè liġi li mhijiex il-Kostituzzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li mhuwiex possibbli li dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni li ddaħħlet validament bħala parti mill-Kostituzzjoni tkun inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni.

31. Filwaqt illi l-Artikolu 6 jistabbilixxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni versu kwalunke liġi oħra, la dan l-artikolu u lanqas xi artikoli oħra ma jistabbilixxu ġerarkija tan-normi u dispożizzjonijiet Kostituzzjonali. Il-poter ta' din il-Qorti li tiddikjara xi liġi inkonsistenti mal-Kostituzzjoni joħroġ mill-liġi, u jrid jiġi eżerċitat strettament *entro* l-parametri tal-liġi. Għalhekk, la l-Kostituzzjoni hija siekta fuq il-kwistjoni ta' kunflitt potenzjali bejn dispożizzjonijiet tagħha stess, din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tiddetermina l-ilment tal-appellanti.

32. Għaldaqstant issib illi dan l-aggravju huwa wieħed infondat.

**It-Tieni Aggravju:**

33. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljta meta iddeċidiet li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mhux applikabbli fil-każ odjern u li filwaqt li l-liġijiet ordinarji

huma soġġetti għall-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta mhix. Iżidu illi fid-dawl tal-intepretazzjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Vodafone Malta Limited et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża nhar it-3 ta' Marzu 2014, l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni jimponi obbligu fuq il-Parlament sabiex jilleġisla b'konformità mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mal-obbligi li jsemmi l-istess artikolu. Peress li l-Artikolu 65 isemmi wkoll l-obbligi internazzjonali u reġjonali, assunti minn Malta, dan jinkludi wkoll il-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk il-Konvenzjoni għandha *status* kostituzzjonali u għalhekk l-appellanti setgħu jistrieħu fuqha.

34. L-Avukat tal-Istat jargumenta illi l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti fuq dak li jistipula l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma validi. Il-kunċett tas-supremazija tal-Kostituzzjoni joħroġ ukoll mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u ċjoè il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta mill-Att stess li saħansitra permezz tiegħu ġiet reża eżegwibbli f'pajjiżna l-Konvenzjoni, li huwa biss fejn ikun hemm inkonsistenza ta' liġi ordinarja ma' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali li dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu u li l-liġi ordinarja sa fejn tkun inkonsistenti għandha tkun bla effett. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-ilment tar-rikorrenti appellanti mill-aspett tal-Artikolu 3(2) tal-Kap 319 lanqas setgħet tiġi mistħarġa. Fil-fatt dan fil-fehma tal-appellati huwa ostaklu ieħor li tirriskontra l-azzjoni tal-appellanti; in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti sa fejn l-appellanti jibbażaw ruħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap

319. Żied ukoll illi li kieku kellu jsir eżami dwar jekk l-artikoli in kwistjoni jilledux id-drittijiet fundamentali tal-appellanti, il-Qorti Ewropea tagħti marġini wiesa' ta' apprezzament lill-istati rigward is-sistemi politiċi tagħhom.

35. Il-Kummissjoni Elettorali ukoll wieġbet għal dan l-aggravju u affermat illi l-Kostituzzjoni hija eskluża espressament mill-applikazzjoni tal-Kap 319. Huwa evidenti illi l-Kostituzzjoni mhix sottomessa għall-Konvenzjoni tant li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija parallela.

36. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem lanqas mal-Qrati Maltin jistgħu jiddikjaraw Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni bħala li jikser ilKonvenzjoni Ewropea.*
>
> *Il-Qorti tqis li l-Konvenzjoni Ewropea ma għandix effett dirett fil-ġurisdizzjoni Maltija iżda ngħatat effett in forza ta' Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea) li jipprovdi li:*
>
>> *"fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu u dik il-liġi ordinarja għandha sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*
>
> *Dan huwa kkonfermat mid-definizzjoni li Kapitolu 319 jagħti lil frażi "liġi ordinarja" adoperata f'Artikolu 3 (2) fuq ċitat: ""liġi ordinarja" tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi ukoll regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta."*
>
> *Għaldaqstant fil-ġurisdizzjoni Maltija, filwaqt li l-liġijiet ordinarji huma soġġetti għall-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta mhijiex. Oltre' minn hekk, quddiem il-Qrati Maltin ebda dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ma tista' titqies li tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem formanti parti mil liġijiet ta' Malta bis-saħħa ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

37. Din il-Qorti ma ssibx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

38. Huwa *ormai* ben aċċettat u stabbilit[2] illi l-liġijiet ordinarji huma soġġetti għall-Konvenzjoni, iżda l-Kostituzzjoni ta' Malta mhix. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-Artikolu 2 tal-istess Kap 319, u d-definizzjoni ta' "liġi ordinarja" fl-istess Kap 319.

39. L-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *"Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

40. Il-frażi "liġi ordinarja" użata fl-artikolu appena ċitat hija mbagħad definita b'dan il-mod fl-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu:

> *"liġi ordinarja" tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi ukull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta;"*

41. Dan ifisser li l-liġi li tagħmel il-Konvenzjoni bħala parti mil-liġi ta' Malta tgħid espressament li ebda dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ma tista' titqies li tmur kontra l-Konvenzjoni. Fi kliem ieħor, l-Att dwar il-

---

[2] ***Adrian Agius et vs. l-Avukat tal-Istat et*** (690/21/1) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023.

Konvenzjoni Ewropea nnifsu jeskludi l-applikabilità ta' dan l-Att għall-Kostituzzjoni. Dan allura jfisser li l-ilment tal-partit rikorrenti u r-rikorrenti l-oħra ma jistax jiġi mistħarreġ mil-lenti tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-Qorti tabbraċja l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti billi huwa ċar li l-ilment tal-appellanti li l-Artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħhom hekk sanċiti permezz tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa improponibbli.

42. Għalhekk issib illi dan it-tieni aggravju huwa ukoll infondat.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjez ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da